MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 411/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Bernard C. Spiteri)**
**Vs**
**Corinne Xuereb**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli bi ksur tal-artikoli 43(1)(a) u 27(1) ta’ l-Att ta’ 1999 dwar servizzi ta’ l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghall-Malta, Kap. 409, fit-18 ta’ Gunju, 2008 u x-xhur ta’ qabel, waqt li kienet tmexxi l-Business Language Connection ltd, (International House Malta-Gozo), mexxiet jew ksienet responsabbli ghat-tmexxija ta’ negozju ta’ agenzija tat-turizmu li gej minn barra, agenzija ta’ l-Ivvjaggar jew Destination Management Company minghajr ma kienet kisbet licenzja ghal dan minghand l-Awtorita’

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 2, 27(1) u 43(1)(a) u 2 tal-kap. 409, sabet lill-appellanti hatja ta' l-imputazzjoni kif dedotta w ikkundannataha ghall-multa ta' hamest elef Ewro (€5,000).

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fid-9 ta' Novembru, 2009, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitha hatja w ikkundannataha ghal hlas ta' hamest elef Ewro (€5,000) multa w tilliberaha minn kull piena w htija skond il-ligi, u f'kaz li din il-qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-appellanti talbet li tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u interpretazzjoni hazina tal-ligi;
2. Illi l-piena inflitta kienet eccessiva w harxa zzejjed meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidrat :

L-ilment principali tal-appellanta huwa illi ma giex ippruvat illi hi kienet tmexxi l-iskola tal-lingwa kif gie allegat fic-citazzjoni. Argumentat illi ma hemmx rizultanzi mill-provi li waslu ghall-konkluzzjoni illi l-appellanta kienet b'xi mod konnessa mall-business Language Connection Ltd.

Bir-rispett il-Qorti ma jidhirlix illi tista' tasal ghal din il-konkluzzjoni. Aktar u aktar meta tara l-korrispondenza esebita f'dawn l-atti fejn Corinne Xuereb dejjem tiffirma bhala "principal" (ara fost ohrajn fol. 24 et seq.).

Jidher illi l-awtorita' tat-turizmu baghtet twissi diversi drabi lill-appellanta sabiex tigi in regola w ma tkomplix tiggestixxi skola tal-lingwa minghajr ma jkollha l-licenzji w il-permessi necessarji, izda minn dan kollu ma ghamlet xejn sakemm waslet ghal dawn il-proceduri.

L-appellanta qeghda tilmenta wkoll illi l-kundanna taghha ta' hamest elef Euro kienet eccessiva.

Il-Qorti ma jidhirlix illi dana huwa l-kaz.

L-artikolu 43(1) tal-Kap. 409 jistipula minimu ta' €1164 sa massimu ta' €23000. ghalhekk il-kundanna tal-Ewwel Qorti ta' €5000 hija fil-parametri tal-Ligi.

Din il-Qorti rriteniet diversi drabi illi meta jirrizultalha illi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha mhux il-kaz illi tidisturba s-sentenza.

Din il-Qorti ghamlet l-apprezzament taghha u waslet ghall-konkluzzjoni illi mill-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha w ghalhekk mhux il-kaz li s-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------